30 ta' Ġunju, 1945.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Charles Farrugia Marmarà *versus* Edgar Mifsud

**Amministrazzjoni — "Land Valuation Officer" — Kjamata fil-Kawża — Intervent fil-Kawża — Ordinanza VIII ta' l-1941.**

*L-amministratur komuni ta' art mibnija ta' iżjed minn sid wieħed, maħtur mil-Land Valuation Officer fid-dehen tiegħu, għandu dritt jikri dik l-art mibnija u jamministra l-proprjetà bħalli kieku huwa amministratur maħtur minn Qorti kompetenti biex jamministra proprjetà immobiljari.*

*Għaldaqstant l-amministratur hekk maħtur għandu d-dritt, u anki l-interess, li jeżiġi l-ħlas tal-kera atier; u ħadd barra minnu ma jista' ikollu dritt jeżiġi ebda parti mill-kera. Barra minn dan, huwa jista' jaġixxi ġudizzjarjament kontra l-inkwilin biex jinkasa dak il-kera mingħajr ma ikunu fil-kawża dawk li għandhom parti mill-proprjetà ta' l-art mibnija minnu amministrata; u meta hekk jaġixxi, ma jistax jiġi minqugħ bl-eċċezzjoni li ma jistax hekk jaġixxi għax il-persuni l-oħra li għandhom sehem fil-proprjetà huma preżenti f'Malta.*

*Bejn il-kjamata fil-kawża u l-intervent fil-kawża hemm distinzjoni; għax għall-intervent fil-kawża huwa biżżejjed li min jitlob li jintervjeni jkollu interess fil-kawża, mentri għall-kjamata fil-kawża, fil-waqt li dan l-interess huwa wkoll meħtieġ, hemm bżonn ukoll illi l-preżenza tal-persuna li għandha tiġi msejħa fil-kawża tkun indispensabili għall-integrità tal-ġudizzju.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur sabiex, billi l-konvenut huwa l-inkwilin tad-dar li qiegħda f'Kospikwa, St. Joseph Street, numru 8, li tagħha l-attur huwa amministratur bħala wieħed mill-komproprjetarji nominat bl-ittra tal-"Land Valuation Officer" in forza ta' l-Ordinanza numru VIII ta' l-1941, kif ġiet emendata bl-Ordinanza VI ta' l-1943; u billi l-istess konvenut insistentement irrifjuta illi jħallas lill-attur il-kera skaduta ta' l-imsemmi post, għaliex ma jridx jirrikonoxxi d-drittijiet mogħtija lill-attur bl-imsemmija nomina tal-"Land Valuation Officer"; u billi għalhekk il-konvenut jinsab debitur fis-somma ta' £14, korrispondenti għal żewġ trimestri li l-aħħar wieħed għalaq fl-20 ta' Marzu 1945, bil-quddiem; wara li jiġi mogħti kull provvediment opportun u tiġi magħmula kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, speċjalment dik illi l-attur fil-kwalità tiegħu ta' amministratur magħżul mil-"Land Valuation Officer" skond l-Ordinanza fuq imsemmija għandu d-dritt jeżiġi l-ħlas tal-kera tal-post fuq imsemmi, l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur fil-kwalità fuq indikata s-somma ta' £14 kera ta' sitt xhur tal-post fuq imsemmi; bl-interessi legali u bl-ispejjeż;

Tikkunsidra:

Illi skond il-Liġi dwar il-Valutazzjoni ta' l-Artijiet Mibnija — Ordinanza numru VIII ta' l-1941, kif emendata bl-Ordinanza VI ta' l-1943 — l-amministratur komuni ta' art

mibnija ta' iżjed minn sid wieħed, kif huwa l-każ preżenti, mahtur mill-"Land Valuation Officer" fid-dehen tiegħu, għandu l-jedd "to let the developed tenement and receive the rent thereof, and otherwise to administer the property, as if he were an administrator duly appointed by a competent court to administer immovable property";

Illi mid-dokument fuq indikat, fil-fol. 4 tal-proċess, jirrizulta illi l-fond in kwistjoni huwa kompriż fil-lista ta' artijiet mibnija li għalihom l-attur ġie awtorizzat mill-"Land Valuation Officer" sabiex jassumi l-amministrazzjoni tagħhom;

Illi għalhekk ma hemmx dubju li l-attur jista' jagħmel din il-kawża;

Tikkunsidra;

Illi mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta illi huwa, fl-imsemmija kwalità tiegħu, għandu jieħu minn għand il-konvenut, inkwilin tal-fond, £14 ta' żewġ trimestri kera............; u dan jirriżulta wkoll mid-dikjarazzjoni tal-konvenut; difatti l-konvenut iddikjara illi l-kera tat-tliet xhur li għalqu fid-19 ta' Settembru 1944 tah kollu lill-attur, imma wara kellu jerġa' jħallas nofs dak l-istess kera lil Joseph Pullicino, wieħed mill-komproprjetarji li jippossjedi n-nofs, l-għaliex dana Pullino eżiġa li sehmu jitħallas direttament lilu. Fl-iskadenza tad-19 ta' Diċembru huwa ħallas direttament lil Pullicino sehmu mill-kera, u ried li l-attur jitħallas ta' sehmu u ta' sehem l-imsemmijin aħwa Montanaro — in-nofs l-ieħor tal-kera, — bis-sehem ta' Pullicino li kien tah żejjed fl-iskadenza ta' qabel. Għalhekk il-konvenut jippretendi li għad fadallu jagħti biss lill-attur £3. 15. 0. nofs il-kera tiegħu u ta' ħutu u ta' l-imsemmijin aħwa Montanaro mat-tliet xhur li għalqu fid-19 ta' Marzu 1945.. ........;

Illi xejn ma jgħodd, għall-fini ta' din il-kawża, li l-konvenut ipprova li ħallas lill-imsemmi Pullicino s-sehem li jmiss lil dana, u li reġa' tah ukoll sehmu mill-iskadenza ta' Settembru 1944 li kien ġa tah lill-attur; għaliex l-attur għandu d-dritt, u anki l-interess, meta wieħed jikkunsidra l-obbligazzjonijiet tiegħu, li jeżiġi l-ħlas tal-kera intier, u ħadd barra minnu, kwindi, ma jista' jkollu d-dritt li jeżiġi ebda parti mill-kera, konformement għal dak li hemm maħsub fid-dispo-

żizzjoni fuq ċitata tal-Liġi dwar il-Valutazzjoni ta' l-Artijiet Mibnija;

Tikkunsidra fuq l-awment tal-kera;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq it-talba tal-konvenut għall-kjamata fil-kawża ta' l-imsemmi John Pullicino;

Illi t-talba għall-kjamata fil-kawża ta' xi persuna ma għandhiex tiġi milqugħa kull meta jiġi dimostrat illi l-persuna li twieħed trid isejjaħ fil-kawża jista' jkollha, jew għandha, interess fl-istess kawża. Hemm difatti distinzjoni bejn il-*kjamata fil-kawża u l-ammissjoni fil-kawża, għalkemm l-oġġett tat-tnejn huwa dak li jingħata d-dritt lill-persuna kjamata jew ammessa li tadérixxi jew tagħmel oppożizzjoni għat-talbiet magħmula mill-kontendenti prinċipali, u li s-sentenza mogħtija fil-ġudizzju jkollha l-effett ta' "res judicata" anki fl-interess tal-persuna kjamata jew ammessa. Għall-ammissjoni fil-kawża huwa biżżejjed interess tali fl-eżitu tal-ġudizzju, mentri għal kjamata fil-kawża, fil-waqt li huwa neċessarju anki interess tali, huwa neċessarju wkoll illi l-preżenza tal-persuna li tiġi kjamata tkun indispensabili għall-integrità tal-ġudizzju — dak li ma hux il-każ f'din il-kawża;

Għall-motivi fuq esposti;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talbiet attriċi: iżda minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; id-dritt tar-reġistru jħallsu l-konvenut.